



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Marzu 2014
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0120 (NLE)**

**11313/2/13
REV 2**

LIMITE

**COASI 96
ASIE 28
PESC 745
COHOM 129
CONOP 76
COTER 68
JAI 515
WTO 143
AGRI 413
ENER 331
TRANS 349
TELECOM 177
ENV 619
EDUC 266**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-materji relatati mar-riammissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2014/UE

ta'

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas
dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn
il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-materji relatati mar-riammissjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(3), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens mogħti fis-26 ta' Frar 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2009^{1*}, il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fid-9 ta' Novembru 2009, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

¹ ĠU L

* ĠU: daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 14028/09.

- (3) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, ħliet dawk tal-Artikolu 34(3) relatati mar-riammissjoni, huma s-suġġetti ta' Deċiżjoni^{1*} separata li ser tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni.
- (5) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L

* ĠU: daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni għad-dokument st 11250/13.

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra huwa, fir-rigward tal-Artikolu 34(3) tiegħu, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea^{1*}.

Artikolu 2

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandhom jippresjedu l-Kumitat previst fl-Artikolu 41 tal-Ftehim. L-Unjoni jew, skont il-każ, l-Unjoni u l-Istati Membri, għandha tkun irrappreżentata/għandhom ikunu rrappreżentati fil-Kumitat Konġunt skont is-suġġett.

¹ It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L ... flimkien mad-deċiżjoni dwar il-firma.

* ĠU: Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 48(1) tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
